# ATTIVITAJIET minn Ottubru sa Diċembru 2011

| Data | Attivitá | Organizzatur |
|---|---|---|
| **OTTUBRU** | | |
| 3, 4, 5, 6, 7, 11, 14, 18, 21, 25 | Kunċerti tal-Banda u tal-Kor għall-Premiére tal-Oratorju u l-Kantata tal-5 ta' Nov. | Kumm. Banda |
| Il-Ħamis 6 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ġimgħa 14 | Pasta Night fil-każin akkumpanjata bil-mużika Country, kant minn Marisa D'Amato u line-dancing. | Kumm. Kultura |
| Il-Ħamis 20 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ġimgħa 21 | Majjalata fil-Każin | Kumm. Nar |
| **NOVEMBRU** | | |
| 1 u 4 | Kunċerti tal-Banda u vuċijiet għall-Programm tal-5 ta' Nov. | Kumm. Banda |
| Il-Ħamis 3 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Is-Sibt 5 | • Kunċert speċjali mill-Banda San Filep fl-Arena ta' MonteKristo bħala għeluq tal-attivitajiet tal-160 sena mit-twaqqif tal-banda.<br>• Re-enactment ta' xeni mis-St Philip Pageant Group jakkumpanjaw il-kunċert tal-Banda San Filep. | Kumm. Banda<br>Kumm. Kultura |
| Il-Ġimgħa 11 | Pasta Night fil-każin. | Kumm Kultura |
| Is-Sibt 12 | 'Festa' San Martin | Kids' Club |
| Il-Ħamis 17 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ġimgħa 25, is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 | Il-Banda taż-Żgħażagħ, is-Sezzjoni Żgħażagħ u l-Kummissjonijiet Armar, Attivitajiet jieħdu sehem fil-festi organizzati mill-Għaqdiet Nazzjonali tal-Baned, tan-Nar u tal-Armar, ġo Monte Kristo. | Kumm. Banda,<br>Kumm. Armar<br>Kumm. Attivitajiet |
| **DIĊEMBRU 2011** | | |
| Il-Ħamis 1 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ħadd 4 | Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 | Kumitat Ġenerali |
| Il-Ħamis 15 | Coffee Morning | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ġimgħa 16 | • Kunċert annwali mill-iskola tal-Mużika tal-Banda San Filep<br>• Ftuħ tal-presepju statiku fl-kantina u ieħor ħaj bit-tema: Ferħ tal-Milied fi żmien il-Gwerra, fix-xelter | Kumm. Banda u<br>Kumm. Kultura |
| Is-Sibt 17 | Christmas Dinner Dance | Sezzjoni Nisa |
| Il-Ħadd 18 | Marċ mill-Banda San Filep b'għanjiet tal-Milied fil-pjazza. | Kumm. Banda |
| Il-Ħamis 22 | Parteċipazzjoni minn bandisti żgħażagħ tal-Banda San Filep fil-purċissjoni tal-Milied organizzata minn tal-Mużew tal-Belt Valletta. | Kumm. Banda |
| Is-Sibt 24 | • Parteċipazzjoni minn bandisti żgħażagħ tal-Banda San Filep fil-purċissjoni tal-Milied organizzata minn tal-Mużew ta' Ħaż-Żebbuġ.<br>• Social Evening tal-Milied | Kumm. Banda<br>Kumm. Nar |
| It-Tnejn 26 | Party tat-tfal tal-membri | Sezz. Żgħażagħ u Kids Club |
| Is-Sibt 31 | Social Evening tal-aħħar tas-sena fil-Każin | Kumm. Nar |

Design & Printing: Bestprint Co. Ltd. • Tel: 21 680 789

L-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851
għandha l-pjaċir tippreżenta
il-*première*
tal-***Cantata*** 'Filep' ta' Mro. Ray Sciberras u Frans Sammut
u tal-***Oratorio*** 'San Filep – Sebħ Aġġira' ta' Mro. Richard Bugeja,
fl-okkażjoni tal-160 sena mit-twaqqif tal-BANDA SAN FILEP
li se jsir taħt il-patroċinju
tal-**E.T. il-President ta' Malta Dr. George Abela**
Jippresiedu l-Presidenti Onorarji tal-Għaqda
ġewwa Monte Kristo Estates, Ħal Farruġ,
nhar is-Sibt 5 ta' Novembru fis-7.00 ta' filgħaxija.

**KULĦADD MISTIEDEN u wara se jkun hemm riċeviment**

Ilbies: Formali

Ġentilment mitluba tkunu f 'postkom fis-6.45 ta' filgħaxija

# TAL-ISTILLA

Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D 1851 Ottubru 2011 – Ħarġa 19

## Editorjal

# Is-Sena tal-Volontarjat

F'din is-sena ddedikata għall-volontarjat, il-Għaqda Każin Banda San Filep bħal soċjetajiet filarmoniċi oħra, tħossha kburija bis-sehem li ilha tagħti għal 160 sena favur il-kultura mużikali, favur is-soċjetà Żebbuġija u dik Maltija. B'hekk offriet opportunitajiet ta' żvilupp personali lil bosta li ħadmu u qed jaħdmu fi ħdanha li jrawwmu fihom valuri sbieħ ta' altruwiżmu. Il-bosta volontiera jaħdmu flimkien fi ħdan strutturi organizzati u regulati, fejn jingħata rendikont sħiħ u b'mod trasparenti ta' kull ma jsir.

Il-firxa tal-ħidma volontarja ta' din l-għaqda tinkludi:

1. L-iskola tal-mużika li toffri tagħlim bla ħlas u tislef l-istrumenti li jkollhom bżonn l-istudenti;
2. Il-programmi mużikali tal-Banda San Filep li l-pubbliku jgawdihom bla ħlas;
3. L-armar ġdid kif ukoll ir-restawr ta' armar qadim tal-festa;
4. L-ispettakli kbar tan-nar tal-art u tal-ajru li jinħadmu mis-*St. Philip Fireworks Factory*;
5. L-attivitajiet kulturali bħal simposja u lejliet mużiko-letterarji organizzati mill-Kummissjoni Kultura;
6. Il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa li sar fiha sitt taqsimiet;
7. L-ispettakli ta' drama imtellgħa fuq palk, fit-triq jew f'Xelter mis-Is-*St. Philip's Pageant Group*;
8. Il-produzzjonijiet awdjoviżivi bħal CD's ta' mużika oriġinali rrekordja mill-Banda, DVD's, Musical u film maħduma b'kollaborazzjoni mal-*Bronk Productions*.
9. Il-pubblikazzjonijiet tal-Għaqda: kalendarju, ktejjeb annwali tal-Ġimgħa Mqaddsa u ieħor tal-festa, il-fuljett *Tal-Istilla*, u erba' kotba speċjali (s'issa).
10. L-arkivju mużikali b'aktar minn erbat elef kompożizzjoni imdaħħla f'indiċi komputerizzat;
11. Il-klabb soċjali li jiftaħ għal sittax-il siegħa kuljum fejn bosta jissoċjalizzaw, jippjanaw u jwettqu ħidmiet volontarji għal ġid tal-kotra;
12. L-amministrazzjoni tal-Għaqda li b'għaqal u b'ħeġġa tmexxi 'l quddiem il-bosta ħidmiet volontarji, tissussidja l-banda u l-iskola tal-mużika tagħha, tinkoraġġixxi ħidmiet kulturali u tissieħeb ma' entitajiet nazzjonali biex twettaq ħidmietha bl-aħjar mod possibbli u tħabbrek biex tkompli żżejjen il-bini li huwa s-sede tal-Għaqda, meqjus bħala monument Żebbuġi u bejta għal ħidmiet volontarji.

Biex jista' jsir dan kollu u aktar mingħajr ma l-Għaqda tirċievi ebda għajnuna finanzjarja mill-awtoritajiet ċivili, il-membri jorganizzaw bosta attivitajiet soċjali li jħallu qligħ biex jissussidja l-ħidmiet msemmeja. Anke dawn l-attivitajiet isiru b'mod volontarju biex b'hekk ma jonqos xejn mid-dħul li jkun hemm.

Anzi dawk li jorganizzaw ikunu l-ewwel nies li jdaħħlu idhom fil-but u jħallsu anke huma għal sehemhom mill-ikliet u l-ħarġiet li jkunu qed jorganizzaw huma stess.

Dan ix-xogħol isir bi pjan koordinat li jitwettaq fuq medda ta' snin. Huwa xempju ta' kif isir ix-xogħol volontarju fi ħdan din l-Għaqda: bis-serjetà u b'impenn. Isiru bosta sagrifiċċji biex jintlaħqu l-miri li jkunu saru. L-impenn huwa tul is-sena kollha, sena wara sena. U dan jagħmilna kburin bil-ħidma volontarja tagħna.



*Il-banda tal-allievi waqt il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù.*

**www.bandasanfilep.com.mt**

Health and beauty Inn...

Servizz offrut fil-qalba ta' Ħaż-Żebbuġ

Health & Fitness Gym • Physiotherapy

Massage • Nutritional Advice

47, Vjal il-Ħelsien,
Ħaż-Żebbuġ
Tel: 2746 5359
2146 1131

# Aħbarijiet
# mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

## 1. Il-website, ir-radju u on-line viżiv tal-festa.

Din is-sena il-websajt tal-każin ingħatat dehra ġdida, isbaħ u aktar attraenti. Fiha wieħed isib tagħrif storiku kulturali, ritratti kif ukoll informazzjoni fuq il-ħidmiet li jsiru u l-attivitajiet li jiġu organizzati tul is-sena kollha mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 b'risq il-membri u l-ħbieb tagħhom.

L-istess website serviet biex matul il-jiem tal-festa minn fuqha xxandar ir-radju tal-każin kif ukoll filmati live ta' dak li kien qed jiġri fil-pjazza u tal-ispettakli tan-nar. Dan kollu reġa' kien strimjat fuq l-internet biex b'hekk il-websajt kienet ta' servizz kbir għal kulħadd imma l-aktar għal dawk li ma setgħux joħorġu minn djarhom u għal dawk li jgħixu barra minn xtutna. Ħajt speċjali għal din il-ħidma hija misthoqqa liż-żagħżugħ Christmark Chircop u lill-bandist Sandro Bezzina li għamluha possibbli bil-ħidma volontarja tagħhom.



## 2. Sena ta' Suċċessi mill-Banda San Filep

L-2011 kienet sena mimlija aktar mis-soltu b'impenji għall-Banda San Filep li taħt id-direzzjoni tal-bravu surmast Richard Bugeja u t-treġija tal-kummissjoni banda immexxija minn Tarcisio Mifsud, li ħarġet bl-unuri fil-kunċerti u servizzi li għamlet. Dawn jinkludu programmi mużikali kbar li saru fit-22 t'April f'Ħaż-Żebbuġ qabel ma bdiet takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fil-21 ta' Mejju fl-Awditorju tal-Università ta' Malta, fit-3 u fil-11 ta' Ġunju f'Ħaż-Żebbuġ. Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi li ppresieda tnejn minn dawn, ħa impressjoni tajba ħafna, tant li fit-tieni okkażjoni minflok id-diskors formali li kellu ppreparat, għamel kelmtejn imqanqla li bihom faħħar lill-banda u lid-direttur tagħha u ta ġieħ lill-Għaqda għall-ħidma volontarja li qiegħda twettaq. Apprezza wkoll l-element qawwi taż-żgħażagħ fl-iskola tal-mużika tal-Banda San Filep.

Nifirħu lill-14-il bandist ġdid li din is-sena ngħaqdu mal-Banda San Filep u nirringrazzjaw lill-għalliema tagħhom, Mro Michael Ciantar u Mro Richard Bugeja tal-impenn serju tagħhom fit-tagħlim tal-mużika lill-alljevi u bandisti żgħażagħ li jiffrekwentaw l-iskola tal-mużika tal-Banda San Filep. Nieħdu pjaċir naraw li issa l-Banda San Filep sar għandha wieħed u ħamsin bandist tal-post li jattendu regolarment.

Minbarra dawn l-impenji, l-Banda San Filep għamlet is-servizzi kollha li soltu tagħmel ġo Ħaż-Żebbuġ marbutin mal-Ġimgħa l-Kbira u mal-festa, kif ukoll servizzi mużikali f'Ħal Qormi, iż-Żurrieq, il-Qrendi u l-Għargħur (darbtejn). Anke l-banda taż-żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep kienet attiva matul is-sajf li għadda b'servizzi fil-padiljun tal-Għaqdiet Volontarji fil-Malta Trade Fair, fil-maratona "Oħloq Tbissima" f'Santa Venera, f'Casal Fornaro Ħal Qormi u fl-Isptar Mater Dei.

Il-Banda San Filep għad baqa' x'toffrilna dis-sena. Fil-5 ta' Novembru se tagħmel programm kbir li biħ tagħlaq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-160 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Matul dan il-kunċert se jiżżanżnu żewġ kompożizzjonijiet mużikali li saru apposta għall-Banda San Filep. Dawn huma **Oratorju "San Filep – Sebħ Aġġira"** bi kliem u mużika ta' Mro Richard Bugeja u l-**Cantata "Filep"** kompożizzjoni ta' Mro Ray Sciberras u lirika tal-mibki Frans Sammut. Il-kunċert se jittella' fil-Kumpless Montekristo, f'Ħal Farruġ u għalih kulħadd huwa mistieden. Id-dħul huwa bla ħlas, għax dan huwa servizz ieħor b'risq il-kultura mużikali ta' pajjiżna.

## 3. Attivitajiet matul is-sajf

Minbarra s-servizzi mużikali diġà msemmija, it-taqsimiet diversi fi ħdan il-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 reġgħu kienu attivi ħafna matul is-sajf. Jispikkaw:

- iż-żewġ *'Hot-dog days by the pool'* waħda f'Lulju u oħra f'Awwissu li fihom ħadu sehem numru kbir ta' tfal taħt is-sorvejlanza tad-diriġenti tal-Klabb Tfall tal-Istilla u xi ġenituri;
- il-ħarġa *'Gozo by night'* organizzata mill-Kummissjoni Kultura fis-6 t'Awwissu;
- il-ħarġa bid-dgħajsa għal Kemmuna fit-13 t'Awwissu u l-ħarġa ta' jum f'Etnaland fi Sqallija fl-20 t'Awwissu, organizzati mill-Kummissjoni Nar;
- id-diversi BBQ's organizzati mill-Kummissjoni Nar;
- BBQ's organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-Lukanda Soreda fit-23 t'Awwissu u fil-każin fit-30 ta' Settembru;



*Ġemgħa tfal mill-klabb tal-Istilla lkoll lesti għall-qabża fil-pool.*


**TWANNY SPITERI** FUNERAL SERVICES

*24 hours (Day & Night)*

*3, Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ*

*Office* 2146 5122 / 2147 2219 • *Mob:* 9947 1168

Karozza tal-Funerali b'xejn





*L-għors taż-żgħażagħ waqt* fun rides *fi Sqallija.*

- Il-wirja dwar il-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ imtella' f'Casal Fornaro, Ħal Qormi fis-16 u 17 ta' Settembru;
- il-*coffee mornings* li għamlet is-Sezzjoni Nisa;

## 4. Ħidma kontinwa fil-kwiet

Voluntiera membri tal-Ghaqda komplew u qed ikomplu jaħdmu kontinwament biex ihejju għall-festa li jmiss. Dan ix-xogħol isir fil-Kamra tan-Nar u wkoll fil-kantini tal-każin fejn hemm il-*workshops* tax-xogħol tal-ħadid, tal-injam u tal-*fibre* għall-armar.

## 5. Manutenzjoni

Il-manutenzjoni fil-binja tal-każin ma tonqos qatt. Proġett ieħor li twettaq hu l-ħarsien tas-suffett tal-kewba mis-susa. Għal dan l-iskop ġew imqabda żewġ ażjendi. Waħda minnhom biex iwaqqfu *scaffolding* u l-oħra biex iduru l-injam bil-kimika. Spiża oħra kien televixin ieħor bi *screen* kbir għal bar tal-każin filwaqt li qed tiħejja irħama kommemorattiva għas-sala Mayfaire.

## 6. Protest Ġudizzjarju

Fil-passat il-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 żammet pass lura għax dejjem ittamat li l-fatti dokumentati dwar il-bidu tal-banda f'Ħaż-Żebbuġ jkunu aċċettati minn kulħadd bil-kwiet kif titlob ir-raġuni. Dan l-għaġir prudenti jidher li ġie mifhiehem ħażin u ttieħed bħala sinjal ta' djgħufija. Dan huwa 'l bogħod mill-verità. Kien għalhekk li l-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 kienet kostretta tressaq protest ġudizzjarju fil-qorti. Il-kontenut ta' dan il-protest jista' jinqara fuq is-sit elettroniku www.bandasanfilep.com.mt.

**L-appell tagħna hu li waqt li nirrispettaw il-verità storika kif hija ppruvata mid-dokumenti, għandna nżommu quddiem għajnejna li qabel ma nqisu ruħna ta' każin jew ieħor, l-ewwel aħna lkoll Żebbuġin. Li jista' jinbidel huwa biss kemm nifhmu u kif ninterpretaw it-tagħrif misjub. Għandna nagħtu importanza akbar lil fatt li Ħaż-Żebbuġ għandu jitqies bħala l-benniena tal-baned Maltin kif nafuhom illum. Ta' dan għandna nkunu kburin bħala Żebbuġin u nfittxu li nkomplu nagħmlu unur lil beltna.**




*Wirja dwar il-briju tal-festa mtellgħa miż-żgħażagħ.*



*Il-kunċert tal-Banda San Filep f'ġieħ is-sopran Joan Mangion fl-awditorium tal-Università.*



*Il-ġemgħa waqt BBQ organizzata minn Kummissjoni Nar.*



*Uħud mill-parteċipanti fil-mawra kulturali f'Għawdex.*

**Każin Banda San Filep**

*Charlie Vella il-Barman ġdid*
*ċemplu fuq 99 972 920*

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa. Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*